MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 438/1993/2

**George u Georgina mizzewgin Sciberras u l-istess George Sciberras bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**v.**

**(1) Josephine mart Leonard Spiteri minnu assistita u l-istess Leonard Spiteri bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2004 stante l-mewt ta' Josephine Spiteri l-atti gew trasfuzi f'isem uliedha Marika mart Mario Dingli u Ruth Spiteri**
**(2) Roseanna mart Emmanuel Cassar minnu assistita u l-istess Emmanuel Cassar bhala kap tal-komunjoni**

**ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu,**
**(3) Mary Astrid mart George Zarb minnu assistita u l-istess**
**George Zarb bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu,**
**u (4) George Mizzi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fid-19 ta' April, 1993 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-atturi ppremettew illi huma ghal bosta snin qabel il-mewt taghha fit-2 ta' Lulju, 1990 irrendew servigi lil Grazzja armla ta' George Borg, omm l-attrici Georgina Sciberras u l-konvenuta Josephine Spiteri u n-nanna materna tal-konvenuti l-ohra, u li taghha huma eredi; illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati anke ufficjalment biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi baqghu inadempjenti; ghalhekk huma talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-atturi pprestaw servigi lill-imsemmija Grazzja Borg u li ghalhekk huma ntitolati ghal kumpens;
2. tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' perit nominand, l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' kumpens ghas-servigi minnhom rezi, kif fuq inghad; u
3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 1992 kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Id-diversi konvenuti pprezentaw noti ta' l-eccezzjonijiet separatament. Hemm gew moghtija, in linea preliminari, eccezzjonijiet ta' natura procedurali li pero` gew sorvolati b'degriet tal-5 ta' Ottubru, 1993 meta l-Qorti ta' Prim Istanza laqghet talba ta' l-atturi sabiex jiddahlu fil-kawza persuni ohra u jsiru xi korrezzjonijiet ohra. Fil-mertu l-konvenuti kollha qed jopponu t-talbiet attrici billi qed

jinghad li jew qatt ma nghataw servigi jew jekk dawn gew rezi, ebda kumpens ma hu dovut minhabba li nghataw “familiaritatis causa”.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fit-13 ta’ Frar, 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghet it-talbiet attrici u b’hekk iddikjarat li l-atturi kienu pprestaw servigi lil Grazzja Borg u konsegwentement kienu intitolati ghall-kumpens li gie likwidat fl-ammont ta’LM2,800 u finalment ikkundannat lill-konvenuti ihallsu l-ammont hekk dikjarat dovut bl-imghax legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez tal-kawza u dana wara li qalet hekk:-
“Din hija kawza fuq servigi proposta minn wahda minn ulied id-decuius flimkien ma’ zewgha kontra l-eredi l-ohra. L-atturi jsostnu li rrendew servigi lill-mejta Grazzja Borg tul perjodu ta’erbatax-il sena u ma gewx kumpensati.

“Il-perit legali ezamina l-provi kollha (migbura principalment b’affidavit) u stqarr li l-iktar wiehed indikattiv ghaliex jirrifletti dak li normalment jigri fil-hajja huwa dak ta’ l-attrici.

“Grazzja Borg marret toqghod ma’ l-atturi fl-1976 meta diga` kellha 73 sena kwindi, jghid il-perit legali, wiehed jifhem li xi ftit ghajnuna kellha bzonn, jekk xejn ma kinitx toqghod wahedha ghaliex ma kinitx "ta' wahedha". Hija baqghet tghix ma’ l-atturi sa xahrejn qabel ma mietet.

“Huwa kkunsidra l-affidavits tal-konvenuti Spiteri li jghid li jixhdu li kif jigri hafna drabi ghalkemm baqghu f’relazzjoni ma’ l-omm u kultant kienu jehduha ghal xi jumejn ghandhom, ma kinux iqisu lil Grazzja Borg bhala xi problema taghhom u anke qishom jitkazaw ghaliex din waqghet fl-ahhar xhur ta’ hajjitha u jghidu espressament li meta kienet maghhom qatt ma waqghet. Kif tajjeb osserva l-perit legali dan hu argument fallaci ghaliex huwa ovvju li ftit kien hemm cans li taqa’ ghandhom anke mil-lat matematiku la darba kienet tghix ma’ l-atturi u mhux maghhom.

“Huwa jikkonkludi li mill-kumpless tal-provi ma hemmx dubju li l-atturi zammew lil Grazzja Borg maghhom ghal cirka erbatax-il sena meta din kienet diga` mara anzjana u kienu jiehdu hsieb l-oggetti essenzjali ghaliha, barra mill-fatt li kienu ta’ wens ghaliha ghaliex ma hallewhiex wahedha. Anke x-xhieda ta’ bint l-atturi hija konferma tal-limitazzjoni fuq l-attivita` familjari taghhom minhabba l-prestazzjoni tas-servigi.

“L-atturi qalu li qatt ma gew kumpensati ghas-servigi minnhom rezi u l-konvenuti qajmu l-punt ta’ l-introitu li kellha l-mejta u kwindi jsostnu li hija kkumpensathom b’dawn l-introjti. Il-perit legali jghid li l-konvenuti pero` ma ressqu l-ebda prova soddisfacenti li tali kumpens sar u l-oneru tal-prova kien fuqhom galadarba kienu qed jallegawh huma.

“Il-kwistjoni l-ohra li kkunsidra l-perit legali kienet jekk ghandux ikun hemm il-prezunzjoni tal-gratwita` fl-ghoti tas-servigi. Fil-fatt din hija kwistjoni li anke giet dibattuta quddiem Il-Qorti.

“Fis-sentenza moghtija fis-6 ta’ Ottubru 1954 fil-kawza fl-ismijiet “Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et” (Prim Awla, Vol. XXXVIII.ii.568) (il-posizzjoni) giet kristalizzata b’dawn il-kliem:-

“*Illi minn zmien antik il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati rriteniet illi l-kumpens ghas-servigi jista’ jkun dovut mhux biss ‘jure actionis’, jew meta jkun pattwit, imma wkoll ‘officio judicis’, jew meta mic-cirkostanzi jkun jidher car illi minn jippresta s-servigi kellu l-hsieb li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni ta’ servigi mhix prezunta li tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gartuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment;*
*Il-prezunzjoni tan-‘non-gratuwita`’ fil-gurisprudenza anterjuri giet sostitwita bil-prezunzjoni kuntrarja fil-kaz ta’ servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati ‘familiaritatis causa’.* ***Imma fil-gurisprudenza aktar recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta’ kumpens, jekk ma***

***jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela*** *(P.A. 3.10.1935 'Mifsud vs Briffa'; 12.12.1935 'Farrugia vs Caruana')".*

"F'dan l-istess sens insibu wkoll per ezempju "Gio Maria Zammit et vs Avv. Dr. Joseph Vella noe" deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru 1958 (Vol. XLII.i.621), "Mary Grace Attard et vs Rosario Attard" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Ottubru 1989 (Vol. LXXIII.ii.396) u "Alfred Caruana et vs Paul Farrugia et" deciza mill-Prim Awla fit-2 ta' Ottubru 1996 (Vol. LXXX.iii.1280).

"F'dan il-kaz il-perit legali qal li ghalkemm huwa veru li hemm dmir ta' l-ulied li jiehdu hsieb il-genituri taghhom, fl-istess waqt fid-dinja tallum hu naturali li wiehed jikkonkludi li anke f'servigi rezi mill-ulied, il-prezunzjoni hija li l-istess ulied ikunu qed jaghmlu dawn is-servigi verament b'sens ta' dover izda fl-istess waqt ikunu qed jippretendu li dan is-sens ta' dover jigi premjat. Meta mbaghad, kif gara f'dan il-kaz, mal-mewt tal-genitur jiskopru li ma hallithomx preferuti, ihossuhom li gew privati minn xi haga u ghalhekk huwa sew li jinghatalhom kumpens.

"Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, il-perit legali kkunsidra li s-servigi kienu ta' natura kostanti u li filwaqt li fil-bidu l-mejta ma kellhiex xi bzonnijiet partikolari nonostante l-eta` avvanzata taghha, aktar 'il quddiem id-diffikoltajiet zdiedu sew. Ghalhekk anke tenut kont ta' l-inflazzjoni minn dak iz-zmien, huwa llikwida l-kumpens fl-ammont ta' LM2,800.

"Fid-dawl tal-provi li tressqu u tal-gurisprudenza fuq citata l-Qorti tikkondividi l-konkluzzjonijiet raggunti fir-rapport peritali inkluz l-ammont likwidat."

**L-appell tal-konvenuti Josephine u Leonard konjugi Spiteri.**

Mis-sentenza fuq riportata appellaw biss il-konvenuti Josephine u Leonard konjugi Spiteri li, b'rikors pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2001, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din l-Qorti joghgobha tilqa' l-eccezzjonijiet

taghhom u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Fl-udjenza tal-4 ta’ Ottubru, 2003 l-appellati George u Georgina konjugi Sciberras irrilevaw li l-appell kien mar dezert billi l-konvenuti Roseanne Cassar u Emmanuel Cassar gew notifikati bir-rikors ta’ l-appell fit-3 ta’ Lulju, 2003. Din l-eccezzjoni izda giet respinta b’digriet ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Gunju, 2004 bl-ispejjez kontra taghhom.

Fid-19 ta’ Ottubru, 2004 l-appellanti Josephine u Leonard konjugi Spiteri ssollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talbiet attrici a tenur ta’ l-Art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Sussegwentement l-appell gie trattat u thalla ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum fuq l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif ukoll fuq il-meritu.

Qabel ma jigu kunsidrati l-aggravji mressaq fir-rikors ta’ l-appell ikun xieraq li qabel xejn tigi investita l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-appellanti. Tali eccezzjoni hija ta’ natura perentorja u bhala tali tista’ validament tigi sollevata fl-istadju ta’ l-appell. Jigi rilevat, pero`, li mis-sentenza fuq imsemmija sar biss appell mill-konvenuti konjugi Spiteri, konsegwentement tali eccezzjoni tista` tibbenefika biss lil dawn il-konvenuti. Fil-konfront tal-konvenuti l-ohra llum tezisti sentenza finali nkwantu, fl-assenza ta’ appell mis-sentenza tal-Prim Istanza, is-sentenza fuq riportata taghmel stat fil-konfront tal-konvenuti l-ohra kollha eccetto l-appellanti konjugi Spiteri.

**Ikkunsidrat dwar l-preskrizzjoni:**

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li talba ghal hlas ta’ servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, liema artikolu gie indikat fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti appellanti. Dan l-artikolu jiddisponi li “l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali <u>jew minn hwejjeg ohra,</u> meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra,

taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku – jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin."

Il-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fis-sens li hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni taghhom. U l-Qrati Taghna, anki f'kazijiet recenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwita` tas-servigi.[1] Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawza "Agostino Pace et vs Antonio Agius noe"[2] fejn jinghad espressament li "*l-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar-restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f'hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri.*"

Jirrizulta li s-servigi li qed jintalab il-hlas taghhom gew rezi fuq perjodu ta' cirka erbatax-il sena, biss il-proceduri odjerni gew istitwiti fid-19 ta' April, 1993 u cioe` cirka sentejn u ghaxar xhur minn l-ahhar data li gew rezi xi servigi. Mill-provi prodotti, u senjatament ix-xhieda ta' l-atturi u familjari taghhom, ma tirrizulta ebda cirkostanza li tista` twassal lil din il-Qorti li tiddikjara li b'xi mod kien hemm rikonoxximent tad-debitu jew promessi da parti tad-decujus u f'dan is-sens ma jistax jinghad li kien hemm

[1] Ara sentenza preliminari tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Giovanna Caruana vs Salvino Scicluna et" deciza 4/06/1948 Vol. XXXIII.I.285.
[2] Ara Vol. XXIX.II.515.

interruzzjoni jew ammissjoni tad-debitu reklamat. L-unika referenza ghal xi att interruttiv tal-preskrizzjoni hija l-ittra ufficjali li tissemma fic-citazzjoni u li allegatament intbghatet lill-konvenuti fit-3 ta' Dicembru, 1992. B'dana kollu ma ngiebet ebda prova tan-notifika ta' dan l-att u konsegwentement ma jistax jinghad li din l-ittra ufficjali kellha l-effett mehtieg kif preskritt fl-Artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dan isegwi li ghal fini tal-perjodu preskrittiv eccepit din il-Qorti trid torbot mad-data tal-prezentata tac-citazzjoni, cioe` id-19 ta' April, 1993, inkwantu talba gudizzjarja tinterrompi l-preskrizzjoni kif huwa dispost fl-Artikolu 2131 tal-Kap 16. Ghalhekk fil-konfront tal-konvenuti konjugi Spiteri u llum, stante l-mewt ta' l-appellanti Josephine Spiteri, fil-konfront ta' l-appellant Leonard Spiteri u uliedu Marika mart Mario Dingli u Ruth Spiteri, l-atturi ghandhom biss dritt ta' kumpens ghall-ahhar sentejn u xharejn tal-hajja tal-mejta Grazzja armla ta' George Borg.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Fir-rikors ta' l-appell jidher li gie mressaq aggravju wiehed nkwantu l-appellanti qed jilmentaw li d-decizjoni ta' l-ewwel qorti li takkorda kumpens lill-atturi ma kienitx tirrifletti apprezzament gust ta' l-aspetti legali u fattwali tal-kaz in ezami. F'dan r-rigward insibu li fir-rikors ta' l-appell hemm ripetizzjoni ta' dak li itqal "ad nauseam" fid-diversi affidavits pprezentati quddiem il-qorti ta' Prim Istanza, liema fatti kienu certament a konoxxenza ta' l-ewwel qorti li ppronunzjat is-sentenza fuq imsemmija, u cioe` li l-mejta kienet persuna b'sahhitha, li ma kellhiex bzonn ghajnuna u li ma hemmx prova tal-peggiorament fil-kondizzjoni fizika u mentali taghha. *In subsidium* jinghad ukoll li anke jekk kumpens huwa dovut l-ammont likwidat huwa ferm eccessiv. Din il-Qorti, pero`, tosserva, kif ripetutament jigi rilevat f'cirkostanzi simili, li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim Istanza (fil-kaz in ezami dwar likwidazzjoni ta' servigi) hlief meta jkun hemm ragunijiet serji[3]. Din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti, tal-perjodu twil li fih gew

[3] Ara "Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et" Appell Civili 10.01.95 Vol. LXXIX.II.239.

prestati s-servigi u tal-fatt li l-kumpens ghas-servigi rezi gie likwidat “arbitrio boni viri” bla ebda referenza specifika ghad-diversi prestazzjonijiet moghtija, din il-Qorti ma ssib ebda raguni li twassalha li tbiddel il-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk qeghdha tikkonfermahom.

Dan premess, pero`, din il-Qorti hija tal-fehma li ghar-rigward ta’ l-ammont dovut mill-appellanti Spiteri, tenut kont li dan il-kumpens ser jigi limitata ghall-ahhar sentejn u xharejn tal-hajja tal-mejta Grazzja Borg, l-ammont li ghandu jithallas minn dawn l-konvenuti ghandu jkun ta’ LM400 biex jirrifletti l-perjodu meta kienu mehtiega u gew moghtija l-aktar servigi minhabba l-eta` avvanzata tad-decujus.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell interpost mill-konvenuti Spiteri billi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni riferibbilment biss ghall-istess appellanti (u ghall-kwota minnhom dovuta) moghtija f’istadju ta’ l-appell u b’hekk tiddikjara li l-appellanti Leonard Spiteri, Marika mart Mario Dingli u Ruth Spiteri ghandhom ihallsu kumpens ghas-servigi rezi mill-atturi appellati ghall-ahhar sentejn u xahrejn biss tal-hajja tad-decujus, inkwantu r-rimanenti perjodu huwa milqut bil-preskrizzjoni kwinkwennali, u liema kumpens, ghar-ragunijiet fuq moghtija, qed jigi likwidat fis-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (LM400) u konsegwentement tikkundanna lill-appellanti Leonard Spiteri, Marika mart Mario Dingli u Ruth Spiteri jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi; ghal bqija tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li l-konvenuti l-ohra jibqghu obbligati li jhallsu lill-atturi nofs l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti u cioe` s-somma ta’ elf u erba’ mitt Lira Maltin (LM1,400).

Fic-cirkostanzi u senjatament minhabba l-fatt li l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni giet sollevata fi stadju avvanzat tal-kawza, u cioe` fl-istadju ta’ l-appell, din il-Qorti tordna li l-ispejjez ta’ dan l-appell jigu sopportati kollha mill-apellanti Spiteri. L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------